# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru mija u erbgħa (104) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 28 ta' Awwissu, 2012, fis-6:50pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku, Noel Galea ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu approvati mingħajr l-ebda korrezzjoni u dawn ġew iffirmati.

Punti mill-Minuti:

3. Is-Sindku qal li issa twaqqaf l-*awarding* tal-offerta tat-tindif tat-toroq urbani għaliex bdiet il-proċedura tal-*objection* mill-kumpanija Dimbros mal-PCRB. Hawn kien hemm diskussjoni dwar xogħol prekarju bi ħlas mhux sodisfaċenti li jmur kontra id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, ġaladarba offerta tkun mogħtija bi prezz irħis. B'dan id-diskors f'ebda ħin ma rreferejna għal xi tender li kellna aħna.

4. Dwar ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li qed isiru fl-inħawi tal-Mentna, Noel Galea qal li qed ikun ittamat li dan jitlesta fi ftit ġimgħat. Hu kompla jgħid illi l-KLM talab li ssir laqgħa mal-perit u sfortunatament dan ma setgħax jattendi. Hu ippropona li l-KLM jiltaqa' miegħu il-ġimgħa d-dieħla. Nicky Briffa qal li l-ġimgħa d-dieħla hu mhux se jkun jista' jattendi, għaldaqstant il-KLM ikkunsidra li jiltaqa' miegħu nhar il-11 ta' Settembru, 2012.

5. Intant, Nicky Briffa staqsa jekk l-ispejjeż tal-kisi mill-ġdid ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti hux se jidħlu għaliha Transport Malta (TM). Hawn is-Sindku qal li s'issa m'għandna l-ebda konferma. Charles Farrugia qal li hu jipproponi li nagħmlu talba ma' l-Onor Austin Gatt li hu l-Ministru responsabbli minn TM ġaladarba it-triq hija waħda arterjali. Id-Deputat Sindku irrimarka li bit-tkomplija tal-proġett il-ġdid, minn fejn toqgħod Mansi sa fejn Ċelest issa se jkunu jistgħu jipparkjaw trakkijiet aktar minn qatt qabel. Infatti Nicky Briffa staqsa jekk din tistax tinfetaħ ħalli l-vetturi jkunu jistgħu jibqgħu iduru mar-*roundabout*. Noel Galea wieġeb li jekk isir hekk din tiġi perikoluża. Intant Charles Farrugia staqsa jekk nistgħux nagħmlu l-aċċess għal din iz-zona sabiex tinfetaħ fiżikament u titwaħħal tabella li din tista' tintuża biss mir-residenti. Hawn Noel Galea qal li din diġa' qiegħda hekk. Kien hemm min staqsa jekk it-trakkijiet hemmhekk humiex se jdejqu lil xi ħadd, filwaqt li kien suġġerit illi ssir tabella tan-*no parking for heavy vehicles*. Għal dawn il-proposti Nicky Briffa staqsa kif se toħroġ *coach* bir-*reverse* mgħobbija bit-turisti minn dan it-tip ta' sqaq, ġaladarba dan se jservi bħala tip ta' parkeġġ għal dawk li se jġibu n-nies lejn il-katakombi tal-Mentna. Noel Galea qal illi f'din il-parti se jkun hemm *pedestrian crossing* u hu irrimarka li l-*issue* mhux għax hemm dan magħluq, iżda għax qed jipparkjaw it-trakkijiet fih. Għaldaqstant ġie deċiż illi l-ewwel għandna nibdew bil-manjieri it-tajbin billi navzaw lil Ċelest biex ma jipparkjax it-trakkijiet barra, għax hemm ukoll il-*bring in-sites* u għalhekk irid jidhol it-trakk biex ibattalhom spiss. Għalhekk Nicholas Briffa ippropona li jsir *double yellow line,* filwaqt li Noel Galea qal li b'hekk inkunu ħloqna problema ikbar għaliex ma jkun jista' jipparkja ħadd. Fuq kollox Noel Galea rrimarka li dawn il-pjanti ilhom għall-attenzjoni ta' kulħadd u żgur mhux il-waqt li nibdluhom issa.

6. Daħlet Grace Marie Mallia fis-7:30pm.

7. Nicholas Briffa qal li l-Heritage kellhom joħorġu l-ispejjeż minn fond għal dan is-saqaf li sar issa biex jostor il-katakombi li nstabu dan l-aħħar u jekk riedu li dawn jissaqqfu, kellhom iħallsu għalihom huma.

8. Kien deċiż għalhekk illi nitolbu lill-Perit Bezzina li sa nhar l-Erbgħa 5 ta' Settembru, il-KLM jinħtieġ li jkollu dokumentazzjoni (bil-miktub) tal-*istatus* finanzjarju, il-*programme of works, cost analysis*, u jekk hux se jkun hemm *variations* mill-kuntratt miftiehem ma Schembri Barbros.

9. Dwar il-proġett pilota ta' kisi mill-ġdid ta' toroq fir-raħal, il-kunsillier irrimarkaw għal *e-mail* li bagħat il-Perit Bezzina fejn dan wissa' lill-Asfaltar Ltd illi parti mill-ħajt tal-għalqa inbena fuq il-ħajt li kien hemm qabel fi Triq is-Saljatura b'biża' li minħabba li l-ilma tax-xita tat-triq qed jaqleb fuq dik in-naħa, dan se jnaddaf it-terrapien ta' dik in-naħa u jista' jġarraf it-triq. Hu insista mal-kuntrattur biex jagħmel żguxxjatura ħalli l-ilma ma jippenetrax. Is-SE qal li f'din l-istess triq hemm *garage* ta' l-eks kunsilliera Carmen Psaila li minkejja li ma kienetx hi li talbet li tinqala l-bankina u ssir mill-ġdid, ittieħdet id-deċiżjoni mill-KLM bir-riżultat li minn kemm ilha maqlugħa it-triq sa issa li ġiet miksija, (jiġifieri madwar tliet xhur) kellha diffikulta' iddaħħal il-vettura tagħha fil-*garage*. Din qed tħokkilha mal-qiegħ bir-riżultat li qed issofri danni. Noel Galea qal li minkejja li l-bankina hija baxxa se jmur jaraha l-kuntrattur. Infatti hu qal li kellu jagħmel dan u naqas milli jmur jirrimedja fil-jiem li għaddew.

10. Dwar il-proposta ta' tabelli ta' pri-avviż li hemm periklu fi Triq tas-Sejba minħabba li ċediet it-triq, is-Sindku qal li dawn se nħalluhom hemm anke wara li l-problema hu maħsub li tkun rimedjata fil-ġimgħat li ġejjin. Infatti hu qal li bħala xogħol għandha tinfurmana TM meta se jsir. Hu qal illi minkejja li se jinqala' l-*main* tad-drenaġġ u din il-medda se tiġi mgħoddija minn fuq il-blat, aktarx li hemm xi ilma ħiereġ minn xi mkien u t-triq ċediet. Hawn intqal li l-KLM għandu jiġbed l-attenzjoni ta' TM biex nidentifikaw dawn it-*third parties* minn huma u jagħtuna rapport tal-investigazzjoni kollha li tkun saret.

11. Dwar l-iskart organiku li qed jinġabar mir-raħal, is-Sindku qal li hu flimkien mas-SE iltaqa' mal-koperattiva *Greenpak* fil-preżenza tal-KL Ħal Safi u l-kuntrattur Joseph Zammit, dwar it-talba tiegħu li jibqa' jitħallas tal-kollezzjoni ta' nhar ta' Tlieta meta issa din m'għadiex issir.

12. Is-SE kien awtorizzat li joħroġ sejħa interna għal skrivan *full time* kif speċifika id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali skond kif propost fil-laqgħat preċedenti u Ms Mersia Mackay tidħol *full time* flok *part time.* Iktar tard f'punti oħra Grace Marie Mallia qalet li Ms Mackay għandha tittakilja l-persuni li jkunu fil-*customer care* b'mod aktar ħelu.

13. Dwar l-ewwel abbozz tal-rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena 2012, Nicholas Briffa qal li jidher li hemm deficit ta' €88,900. Hu qal li dan ġej mill-fatt li mid-dħul qed titnaqqas l-ispiża kapitali, li hija xi ħaġa li ma tagħmilx sens. Is-SE qal li se jerġa' jippreżenta it-tieni abbozz b'żieda ta' introjtu li għandna niġbru mill-aġenzija tal-pagamenti fuq il-proġett tal-Mentna li kienu għadhom ma ddaħħlux fil-kontijiet bankarji sa Ġunju.

14. Dwar l-andament tal-festa, intqal illi bħala attivitajiet il-KLM kien preżenti. It-tindif kien wieħed tajjeb għaliex sas-7.00am kien kullimkien pupilla, u ma kienx hemm diffikultajiet mal-gwardjani lokali fuq permessi tal-kabbani u *diversion* tat-traffiku.

15. Paul Spiteri insista sabiex il-KLM jagħmel avviż sabiex in-nies ma jarmux skart viċin il-kontenituri tal-*bring-in-site* viċin il-bandli f'Misraħ il-Fidwa. Hu qal li kull nhar ta' Tlieta qed ikun hemm ħafna ħmieġ f'din iz-zona.

16. Charles Farrugia qal illi sab sponsor ta' €1,000 biex tiffinanzja l-ispiża tal-attivitajiet kulturali l-Imqabba mal-Medda taż-Żmien, 2012.

17. Charles Farrugia telaq fit-20:15pm.

18. Dwar l-applikazzjonijiet ta' Ġieh l-Imqabba intqal illi dawn ħriġnihom u qed nistennew li l-pubbliku japplika biex l-unur jingħata fl-attivitajiet ta' Jum l-Imqabba.

19. Dwar il-proposta għal rotta tal-arti kien hemm diskussjoni dwar jekk għandniex inħalluha miftuħa għall-Imqabbin biss. Kien deċiż li din tkun miftuħa għal kulħadd minkejja li l-avviż tqassam fil-fuljett mar-raħal biss. Intant is-Sindku qal li dawn l-artisti għandhom jipprovdu huma stess fuq x'hiex per eżempju idendlu l-imkwatri tagħhom. Din il-wirja kien deċiż li ssir fi Triq il-Madonna tal-Ġilju.

20. Dwar l-attivita' kulturali kien deċiż li l-ewwel nett inkunu nafu l-*budget* kemm hu eżatt, navviċinaw lill-każini biex idoqqu flimkien banda waħda, isiru l-arranġamenti biex inġibu it-trenn mingħajr binarji, nordnaw il-palk (kien deċiż li fil-Pjazza tal-Knisja u mhux fejn il-bandli) mid-Dipartiment tal-Kultura, navviċinaw lil Patrick Mallia u lil Edwin Gatt biex jippreżentaw il-programm, il-kantanti Jeremy Buttigieg, Roberta Mallia, Chrystal Bugeja u Rebecca Farrugia biex ikantaw, Christine Sciberras u Neve Marlene Galea biex idoqqu, jinkera l-pa system minn għand il-Grupp *Go Go Cats* u l-istands (gazebos) mill-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura. Dwar l-ispejjeż, Noel Galea qal li s-soltu l-KLM iħallas €500 għas-servizz tal-banda lil kull każin u daqshekk ieħor għall-armar tad-dwal tat-toroq. Dwar il-*backdrop* intqal li l-aħjar post li ssir hu fejn Roza Baldacchino viċin l-uffiċċju parrokkjali. Dwar il-grupp folkloristiku magħruf aħjar bħala l-*Jackson pipe band*, intqal li dawn mhux se nġibuhom għaliex naqas il-*budget.* Kien deċiż li ssir il-wirja ta' barriera fil-pjazza tal-Knisja u intlaqgħet l-aħbar li tinżamm wirja ta' xarabankijiet fil-każin tal-Partit Nazzjonalista. Dwar il-karozzini kien deċiż illi xi ħadd jiġbor donazzjoni ta' 50c talli jmur dawra u l-flus kollha miġbura jmorru għall-*Community Chest Fund.* Dan għaliex bl-iffullar li kien hemm fis-snin l-imgħoddija, hemm il-biża li jweġġa' xi ħadd. Dwar proposta wirja fl-Isptar il-Qadim, saret referenza għall-wirja tal-pappagalli li nżammet fih is-sena l-oħra. F'dan il-punt intqal illi jekk ikun hemm min joffri esebiti simili, dan għandu jsir ukoll. Is-SE kien awtorizzat illi japplika għas-servizzi tal-pulizija waqt din l-attivita', jagħmel il-permess tal-banda u japplika għas-servizz tal-elettriku (kaxxa tad-dawl). Kien ukoll awtorizzat japplika/jħallas lill-Heritage Malta biex jinfetaħ il-katakombi tal-Mentna. Il-Kunsill se jagħmel kuntatt mal-każini tal-banda sabiex naraw b'liema platti ta' ikel se jarmaw, filwaqt li se nistiednu lis-*Sumo Wrestlers* sabiex ikunu ta' *entertainment* għat-tfal kif sar is-sena l-oħra. Se ssir ukoll Kompetizzjoni tal-Birra fejn se jintalab sponsor minn għand Farsons u jingħataw żewġ trofejiet.

21. Dwar is-serata Ġieh l-Imqabba is-Sindku qal illi peress li s-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju riedu klarifika għall-ittra tagħhom, għaldaqstant ippropona li niltaqgħu magħhom nhar il-11 ta' Settembru waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Din il-proposta għaddiet u għal din l-istess laqgħa is-Sindku qal illi l-uffiċċju tal-KLM se jlesti l-inviti għas-serata ta' Ġieh l-Imqabba. F'din is-serata ta' Ġieh l-Imqabba se nistiednu lil Angie Casha u lil żewġt itfal mill-iskola primarja tal-Imqabba sabiex jassistuha. Intant se niktbu lil familja tal-eks kappillan Dun Nazzaren Caruana sabiex jingħata rikonoxximent għall-ħidma tiegħu f'isem l-Imqabbin kollha. Għal dan l-avveniment Paul Spiteri kien awtorizzat jordna midalja tal-okkazzjoni biex tingħata f'Ġieh l-Imqabba. Din is-serata se ssir fl-20 ta' Ottubru filwaqt li l-Quddiesa ta' Ringrazzjament se ssir nhar il-21 ta' Ottubru, fil-knisja parrokkjali. Għal dan il-għan is-SE kien imqabbad jikteb lil Kappillan il-ġdid George Spiteri sabiex dan iqaddes fil-parroċċa. Is-Sindku qal li ma dan il-Kappillan ġej assistent li wkoll jismu George u li hu minn Ħal Qormi biex jassisti fil-parroċċa.

Punti oħra

22. Grace Marie Mallia qalet li għal Jum l-Imqabba ta' din is-sena se jkun organizzat il-*quiz* għat-tfal tal-Iskola Primarja, peress li se nkunu qed niċċelebrawh fit-tielet Ħadd t'Ottubru u t-tfal ikunu *ssetiljaw* l-iskola.

23. Grace Marie Mallia staqsiet jekk il-linji sofor li hemm quddiem Marinthon Sciberras humiex itwal milli suppost. Hi staqsiet jekk dawn jistgħux ikunu miżjuda mill-istess residenti. F'dan il-waqt Nicholas Briffa qal li mill-kantuniera sal-*garage* ta' Marinthon jidħol parkeġġ wieħed biss u ma jidħlux aktar.

24. Grace Marie Mallia xtaqet konferma jekk hemmx xi tarmak miksur quddiem ir-residenza Serenity fi Triq Sta Katerina minħabba xi gandott tal-ilma. Hawn is-Sindku qal li jekk jifdal flus mill-proġett tal-Mentna se nestendu x-xogħol saħansitra f'tarf Triq Sta Katerina.

25. Grace Marie Mallia irreferiet ukoll għal tarmak li allegatament qed jinqala' fi Triq Ħal Kirkop. Hija qalet li ċemplu xi residenti fuq xi radju dwar dan. Is-SE qal li hu ma daħallu l-ebda rapport f'dan is-sens, filwaqt li s-Sindku qal li l-uniku tarmak li jrid jinqala' hu dak fi Triq il-Fjuri. Dan ser jerġa' jsir għal spiża tal-kuntrattur.

26. Nicholas Briffa qal illi is-Sinjura Filomena Ellul li toqgħod f'5 Sqaq Numru 2, Triq il-Lanġasa, għandha ilma dieħel fil-propjeta' tagħha. Is-SE qal li se jgħaddi ir-rapport lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

27. Paul Spiteri staqsa dwar dik il-persuna li se tagħmel ġirja bir-rota bil-għan li tiġbor fondi għar-Renal Unit, tal-Isptar Mater Dei. Is-Sindku qal li hu m'għandux aktar dettalji dwar dan, iżda jinħtieġ li tiġi organizzata attivita' sabiex ngħinu din il-kawża ġusta.

28. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 444.

29. Il-laqgħa ntemmet fid-21:30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*11 / 09/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |